KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 31

Il-wieħed u tletin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 29 ta' Ottubru 2014 fis-6.10pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Laqgħa għar-Residenti 2014*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 30_30/09/2014.

1.2 Dwar punt 1.1, il-Kunsilliera V. Galea Pace proponiet li tizdied il-frazi: 'Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li ma ntbagħtet ebda stedina mill-Kunsill Lokali'. *Korrezzjonijiet*

1.3 Kien hemm qbil li f'punt 1.2 il-frazi għanda tinqara ' Li l-Kunsillier David Muscat għandu jizdied bħala membru tal-Kumitat tas-*Sliema Street Arts Festival.*'

1.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 30. Il-Kunsillier P Portelli issekonda. Il-Kunsill qabel u l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 30*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa tistax issir sistema ta' CVA ġewwa Triq Bisazza minħabba li mhumiex qegħdin jiġu osservati l-ħinijiet tad-dħul kif ukoll minħabba ħsarat li jistgħu jsiru. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill jista javviċina lir-Regjun Centrali tistax issir min-naħa tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan. *Talba għal CCTV fi Triq Bisazza*

2.2 Is-Sindku tkellem dwar id-devoluzzjoni tax-xelter f'Dingli Circus. Il-Kunsill qabel li għandha ssir ċerimonja zgħira s-Sibt 8 ta' Novembru 2014 fid-9.30 ta' filgħodu. *Devoluzzjoni -Xelter Dingli Circus*

*Daħlu għas-seduta l-Viċi Sindku (18.26) u l-Kunsillier M. Briguglio (18.27)*

2.3 Dwar punt 2.10, il-Kunsilliera ġew infurmati li l-kumitat iltaqa ma rapprezentanti ta' *Add More Colours* dwar SSAF 2015. Ġie diskuss kif AMC għad iridu jaraw jekk is-sena d-dieħla l-attivita ssirx f'Tas-Sliema. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jikkomunika ma Peter ta' AMC u jinforma lill-Kunsilliera b'risposta permezz ta' e-mail. *SSAF*

2.4 Dwar punt 2.6 għal CCTV fil-bandli l-ġodda ta' Gnien Indipendenza s-Sindku u l-Kunsillier J. Pillow għandhom jiltaqgħu biex jaraw jekk din tistgħax issir f'fazijiet. *CCTV - Bandli Gnien Indipendenza*

2.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar punt 2.8 dwar il-*mobile toilets* tax-Xatt. Is-Segretarju Ezekuttiv kien informa lill-Kunsill b'email li eventwalment se jsiru toilets permanenti u li għalissa l-*mobile* *Mobile toilets - The Strand*

*toilets* se jibqgħu hemm.

2.6 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li jinbiddlu l-viti tal-ilma tal-latrini pubblici u jkunu bil *push button* minħabba li qiegħed jinħela ħafna ilma għax iħallu l-ilma niezel. Kien hemm qbil għal dan. *latrini pubbliċi*

2.7 Il-Kunsillier J. Pillow informa li l-bibien tal-latrini pubbliċi ta' Fond Għadir huma imkissrin. Il-Kunsill għandu jiċċekkja

2.8 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-punt 2.9 dwar il-konsultazzjoni ta' Tigne għal bollards u qal li l-metodologija ta' kif il-Kunsill saqsa lin-nies kienet zbaljata u r-rizultat jista ma jkunx wieħed ġust. Saret diskussjoni tergax issir il-konsultazzjoni. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi ma taqbilx li jerġa jsir la darba ħareġ rizultat car. *Bollards Tigne*

*Daħlet il-Kunsilliera N. Castaldi Paris 19.02*

2.9 Il-Viċi Sindku propona li għalissa inħallu l-bollards kif inhuma u dan ukoll skont l-ezitu tar-rizultat, għal ftit xhur bħala prova. Il-Kunsill qabel u peress li kien hemm ftit rispons terġa ssir konsultazzjoni oħra f'Marzu 2015.

2.10 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal punt 2.12 rigward *dog bins*. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li kien saqsa lill-Kunsilliera fejn jixtiequ li jitwaħħlu bins u l-Kunsillier Briguglio kien wieġeb biss. Is-Sindku qal li aħjar li ssir mappa fejn l-aħjar ikunu l-postijiet għal dawn il-bins u tiġi approvata mill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jara meta se jasslu dawn il-bins. *Dog Bins*

2.11 Dwar il-proposta ta' Triq Don Rua wara li saret konsultazzjoni irrizulta b'seba' kontra ħamsa. Il-Viċi Sindku propona li nitolbu lit-TM li Triq Don Rua ssir *one way*. Kien hemm qbil dwar dan. *Don Rua*

2.12 Fuq dawn il-konsultazzjonijiet il-Kunsillier P. Radmilli propona li jekk ma jkollniex aktar minn 20% rispons mir-residenti l-Kunsill m'għandux jibbaza d-deċizjoni fuq ir-rizultat tal-konsultazzjoni izda l-Kunsill għandu jagħmel deċizjoni hu f'dan il-kaz. Kien hemm qbil dwar dan. *Rizulatat ta' konsultazzjonijiet*

2.13 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt 2.13 dwar *billboard* fix-Xatt. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li meta saqsa lil MEPA kien ġie infurmat li għal affarijiet relatati mal-EU ma jkunx hemm bzonn permess. Il-Vici Sindku qal li hu kien kiteb lil Lands Department. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li l-Kunsill jista jikteb lill-awditur tal-MEPA minħabba li ma ħadux azzjoni. *Billboard – Ix-Xatt*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar pagament tal-LK jekk hux l-*patching* ta' fejn id-Days Inn fi Triq il-Katidral inkluz fil-pagament. Is-Segretarju Ezekutiv qal li le u dan għadu mhux ċertifikat mill-perit. *Patching*

3.3 Il-Viċi Sindku saqsa dwar pagament lill-Bonniċi Press dwar *printing* u saqsa jekk għal Kunsill hux aħjar li joħroġ tender minħabba l-kwantita ta' *printing* li jsir. Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-kwotazzjonijiet u l-Kunsill kien talab għall-aħjar prezzijiet. Kien hemm qbil li tinzamm l-istess proċedura ghalissa. *Printing ta stationery*

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kontijiet tal-Wasteserv. Ġie spjegat li dawn jibgħatu l-ammont skont il-piz tal-iskart li jintrema. *Wasteserv*

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kien saqsa għal pjanta ta' fejn qegħdin il-cabinets mill-kumpanija GO u kien saqsa ukoll għal WIFi area. *Talba għal WI FI*

3.6 Dwar il-kont pagabbli lis-Sur Saviour Mifsud, is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dawn kienu kontijiet ta' snin precedenti li akkumulaw għal xhur u ma ġewx imħallsa sakemm tigi verifikata r-rata tad-diesel. Is-Segretarju qal lid an gie verifikat mas-sit eletroniku tal-Enemalta, u irrizulta li l-Invoices huma korretti. *Extra Diesel*

3.7 Dwar pagament numru 54 lill MQuip dwar 'motor bike spring rider' il-Kunsill talab biex nressqu *claim* lill-insurance.

3.8 Dwar pagament numru 27 il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar l-ammont ta' bozoz li qegħdin imorru mill-Gnien Bonello Dupuis. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jiċċekkja aktar dwar dan.

3.9 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MIL-KUMITATI U MIS-SOTTO KUMITAT

4.1 Ġew prezentati minuti datati 27/10/2014 dwar kumitat offerti pubbliċi lill-Kunsilliera prezenti.

4.2 Dwar it-tender għal servizz ta' perit tal-Kunsill ġie innotat l-iskeda ta' kif l-applikanti taw l-offerti tagħhom. L-irħas tnejn kienu ACB Architects u David Vassallo. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel *interviews* magħhom u jerġa jressaq dan is-suġġett fil-Kunsill li jmiss. Il-Kunsillier P. Portelli saqsa min se jkun qiegħed jagħmel il-mistoqsijiet. Dan għandu jagħmilhom l-bord stess. *Servizz ta' perit*

4.3 Dwar il-kuntratt tal-*contracts manager* il-Kunsill qabel li għandu jitlob kjarifika dwar l-ammont totali inkluz il-VAT u jsir interview lill-uniku applikant li kellna. *Contract manager*

4.4 Dwar it-tender għal 'Streaming of Local Council meetings' il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-kumitat u jintgħazel *Correct Termination Ltd* u dan peress illi l-offerta ta' *AID Ltd* ma hix skont l-*ispecifications* tat-tender. *Streaming of Local Council meetings*

4.5 Dwar il-kwotazzjoni ta' *refurbishment* ta' *street furniture* il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-kumitat li Trapani Woodworks jagħmlu l-bankijiet ta' Triq Bisazza u Kevin Pace Woodworks jagħmlu l-bankijiet fi Pjazza Sant'Anna. *'Refurbishment*

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta 20.15*

4.6 Dwar *Traffic Sub Committee meeting* ġew prezentati ukoll minuti datati 23/10/2014 lill-Kunsilliera prezenti. Kien hemm qbil ma dawn il-minuti. *Traffic Sub Committee*

4.7 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel *speed limit regulator* fi Triq Rudolph u fi Triq it-Torri. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa kemm jiswew u l-Kunsill għandu jiċċekkja . *Speed limit regulator*

4.8 Dwar il-Kumitat tal-Attivitajiet il-Kunsillier David Muscat qal li ġie avviċinat mill-Pulizija għaliex dawn jixtiequ jorganizzaw attivitajiet kull erba xhur flimkien mal-Kunsill tagħna, Gzira, Ta' Xbiex u Msdia biex ikunu viċin il-komunita. Se tkun mistiedna l-President ta' Malta. L-idea ukoll li tingħata medalja lit-tfal tal-parteċipazzjoni u l-applikazjoni tkun ta' Ewro 5 b'risq *Community Chest Fund* Il-Kunsillier D. Muscat zied jgħid li l-istadium se jingħata b'xejn minħabba li huwa b'risq il-*community chest fund.* L-ispejjez jinqassmu bejn erbgħa Kunsilli. Fl-istess attivita jkun hemm *bouncy castle* għat-tfal sabiex l-attivita tiġi kombinata. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jirriklama kemm jista anke f'parrocci, *Attivita mal-Pulizija*

facebook ecc. Il-Kunsill qabel ma dan kollu.

Il-Vici Sindku issuġġerixxa ukoll li l-pulizija jingħaqdu mal-Kunsill għall-attivita *Charity Swim.*

*Il-Vici Sindku ġie skuzat li jitlaq fi 20.45*

4.9 Attivita oħra li l-Kunsill jinnomina tlett min-nies għal logħba football. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier P. Radmilli għalkemm jaqbel qal li attivitajiet bħal dawn m'għandiex tkun football imm aforsi ninkludu *fun run* u affarijiet simili.

*Il-Kunsillier D. Muscat ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.58.*

## 5. LAQGĦA GĦAR-RESIDENTI 2014

5.1 Is-Sindku propona li ssir laqgħa għar-residenti għaliex jemmen li l-pubbliku mhuwiex infurmat bl-impenn tal-Kunsill u bil-limitazzjonijiet li għandu u l-proċeduri li jrid jimxi magħhom. Il-Kunsill għandu bzonn jagħti rendikont tax-xogħol li jsir.

5.2 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-website tal-Kunsill mhiex qegħda tiġi aġġornata u propona li kull min jidhol jiġi trasferit għal *facebook.* Is-Segretarju Ezekuttiv issuġerixxa li l-Kunsill għandu jippubblika fuljett bl-informazzjoni tal-Kunsill kull tlett xhur u joħroġ *magazine* tal-Kunsill wieħed fil-Milied.

5.3 Ma kienx hemm qbil li ssir il-laqgħa għar-residenti u kien hemm qbil li l-informazzjoni tal-Kunsill tasal b'mezzi oħra.

## 6. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

6.1 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-bandiera ta' Malta qegħda fuq ħabel wieħed.

6.2 Il-Kunsilliera prezenti ġew infurmati dwar Tower Lane minħabba li m'hemmx aċċess, għax il-karozzi qegħdin jagħlqu *lane* kollha. Il-Kunsill talab għal gwida mit-TM u infurmawna li din hija triq publika. Minħabba il-wesgħa tat-triq hemm bzonn li jsir d*ouble yellow line* fil-ġnub u ssir *loading/unloading bay* fl-aħħar biċċa mill-bollard 'l barra. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li trid tiċċekja minħabba li hemm persuna b'dizabilta u tara x'effett jista jkollha. Sadanittant kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb ittra lir-residenti ta' Tower Lane li din se tiġi mmarkata skont ir-regolamenti tat-TM. *Tower Lane*

6.3 Dwar it-tizjin tal-Milied il-Kunsilll ġie infurmat li *Sliema Business* *Tizjin tal-Milied*

*Community* talbu li l-Kunsill joħroġ Ewro 9000 u Ewro 8000 għal *ice skating rink*. Ma kienx hemm qbil dwar dan peress li dan jammonta ghall-sussidju ghall-attivita privata, haga li l-Kunsill ma jistghax jghamel. Intqal ukoll illi qeghdin jitolbu li id-dawl ta l-istess *ice-skating rink*, li ser ikun bil-hlas ghall-publiku, jigi mhallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika l-ewwel kemm jahli dawl dan l-*ice skating rink*.

6.4 Il-Kunsill qabel li li għandu jkun hemm tizjin tal-Milied quddiem il-parroċċi. Kien hemm qbil li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet fejn l-i*specification*s ikunu cari ta' x'irid il-Kunsill.

## 7. AGGORNAMENT

7.1 Is-Seduta waqqfet fid-21.51 u kien hemm qbil li tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 6 ta' Novembru 2014.

Minuti approvati llum 27/11/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**